31993D0417

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-21 ta' Ġunju 1993
li temenda d-Deċiżjoni dwar il-Grupp Intermedjarju ta' l-Anzjani

(93/417/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Billi huwa meħtieġ li tiġi addattata l-kompożizzjoni tal-membri tal-Grupp fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-livell Komunitarju,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/544/KEE [1] hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 3(2) iċ-ċifra "20" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "25";

2. fl-Artikolu 4(3) il-fraża "— EPSO — Pjattaforma Ewropea ta' l-Organizzazzjonijiet ta' l-Anzjani: 5 siġġijiet" għandha tiġi miżjuda mal-lista ta' l-organizzazjonijiet tal-membri tal-Grupp tal-Kuntatt. B'konsegwenza ta' dan, għandha ssir emenda lill-Anness sabiex jiżdied l-isem EPSO mal-lista ta' l-organizzazzjonijiet mistiedna sabiex jibagħtu kandidati.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 1993.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

Padraig FLYNN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 296, tas-26. 10. 1991, p. 42.